**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Jannar 2024**

Rikors Numru: 588/23 AL

A B

vs

C D E B

(M.R. Numru 1714/2021)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fis-sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena 2020 u dan kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ illi qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok A;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana datat it-

tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok B;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-ahhar xhur;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom dawn l-ahhar xhur mifrudin minn ma' xulxin, illum għandhom ħajja totalment separata minn ma' xulxin;

5. Illi ma hemm l-ebda provvediment għall-manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni suċitat;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet,

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex, fiz-zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Novembru 2023;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Ottubru 2023 u *de facto* separati ghal aktar minn sena;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.